IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2026
COM(2026) 196 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil

1. INTRODUZZJONI

Il-**Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil**[1] huwa pass ewlieni fl-iżvilupp ta' approċċ komprensiv għall-migrazzjoni, l-asil, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-integrazzjoni. Dan jipprevedi bażi solida għal mod ġust, sod u aktar effettiv ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni, billi jiżgura sistema bbilanċjata ta' solidarjetà u responsabbiltà. Wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Patt se jibda japplika bis-sħiħ fit-12 ta' Ġunju 2026, li jimmarka l-bidu ta' fażi ġdida fil-ġestjoni tal-migrazzjoni Ewropea. Saret ħidma estensiva biex l-UE u s-sistemi nazzjonali jkunu lesti. Abbażi tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni[2], l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE qed jaħdmu mill-qrib flimkien biex jiżguraw li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid qed jiġi tradott f'realtà operazzjonali, biex jirregolaw b'mod effettiv il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jiżguraw il-preparatezza u r-reżiljenza f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar kumpless, u jistabbilixxu l-bilanċ bejn is-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi s-**sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni** tal-Patt, filwaqt li tiffoka fuq il-progress minn Novembru 2025[3] u tidentifika oqsma ewlenin għal azzjoni ulterjuri qabel id-dħul fis-seħħ tal-Patt f'Ġunju. Dan it-tielet aġġornament jirrispondi għar-rekwiżit[4] skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati regolarment dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Patt.

Il-Patt **iġedded il-qafas Ewropew dwar il-migrazzjoni u l-asil**. Dan jitlob trasformazzjoni legali u operazzjonali sinifikanti flimkien ma' impenn politiku sostnut. Il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn jirrifletti l-iskala u l-kumplessità ta' dan is-sett ta' riformi: sistema mibnija fuq għaxar atti leġiżlattivi interkonnessi, li kull wieħed minnhom jeħtieġ implimentazzjoni koordinata u integrata fost l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll l-adattament tal-liġijiet domestiċi, il-proċeduri amministrattivi, u l-protokolli operazzjonali.

B'mod ġenerali, **sar progress konsiderevoli** matul dawn l-aħħar snin fl-implimentazzjoni ta' dan il-qafas kbir u kumpless. B'mod partikolari, sa Mejju 2026, ħafna Stati Membri jinsabu fit-triq it-tajba biex jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, biex jistabbilixxu u jorganizzaw l-iskrinjar obbligatorju u l-proċeduri fuq il-fruntiera, inkluż biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti, u biex jilħqu kapaċità ta' akkoljenza suffiċjenti. Għadd ta' Stati Membri ħadu wkoll passi importanti biex inaqqsu x-xogħol b'lura u d-dewmien fil-proċeduri tal-asil, inkluż billi jżidu l-kapaċità u jipprovdu taħriġ adegwat, filwaqt li jikkonkludu l-isforzi biex jipprovdu konsulenza legali u jallinjaw mal-ħidma tas-sistemi

[1] https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/migration-and-asylum/pact-migration-and-asylum/legislative-files-nutshell_mt.
[2] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52024DC0251&qid=1776165824453.
[3] L-Ewwel Rapport dwar is-Sitwazzjoni Attwali tal-Implimentazzjoni tal-Patt, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0319&qid=1776165712928; it-tieni rapport: l-Anness I ta' COM/2025/795 final.
[4] L-Artikolu 84(3) tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

ġudizzjarji. L-Istati Membri għamlu wkoll progress fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw li jistgħu jipproċessaw b'mod effettiv it-trasferimenti tar-responsabbiltà lill-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil u jimplimentaw wegħdiet ta' solidarjetà.

Barra minn hekk, ittieħdu passi sinifikanti wkoll biex jiġi **operazzjonalizzat, jissaħħaħ u jiġi kkomplementat ulterjorment il-qafas tal-Patt**. Dawn jinkludu l-adozzjoni tal-ewwel Riżerva ta' Solidarjetà taħt iċ-ċiklu annwali ta' ġestjoni tal-migrazzjoni[5], li bħalissa qed tiġi operazzjonalizzata mal-Koordindatur tas-Solidarjetà tal-UE li jiffaċilita l-interazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex tinkiseb implimentazzjoni bbilanċjata u effettiva; l-adozzjoni tar-Regolament ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni[6] biex isir progress fir-riforma tar-regoli ta' Dublin; jew it-tlestija tal-programmazzjoni strateġika ta' EUR 3 biljun f'fondi tal-UE biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Patt u jiġu ospitati persuni spostati mill-Ukrajna[7]. Barra minn hekk, ir-regoli emendati dwar pajjiżi terzi sikuri u l-ewwel lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri daħlu fis-seħħ, u għadhom għaddejjin in-negozjati dwar il-proposta għal Regolament dwar ir-Ritorn[8] biex jintlaħaq malajr ftehim dwar il-parti n-nieqsa tal-Patt.

Fl-istess ħin, **huma meħtieġa aktar sforzi biex jingħalqu l-lakuni li fadal**. Il-prontezza fl-Istati Membri tvarja, peress li dawn jiffaċċjaw sfidi differenti. Huwa urġenti li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iwettqu l-elementi kostitwenti kollha, filwaqt li jiffokaw primarjament fuq l-aktar komponenti importanti. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-adattament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jitlesta fil-ħin; li l-funzjonalitajiet ewlenin tal-Eurodac[9], il-bażi tad-data bijometrika ċentrali li tappoġġa l-Patt, jiġu ttestjati u implimentati bis-sħiħ; u li l-proċessi ta' akkwist u l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet fil-postijiet identifikati għall-iskrinjar u l-proċeduri fuq il-fruntiera jiġu aċċellerati. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw l-istabbiliment f'waqtu tal-kapaċità adegwata tagħhom għall-iskrinjar u tal-proċeduri fuq il-fruntiera, inklużi miżuri biex jipprevjenu b'mod effettiv il-ħarba u l-movimenti sekondarji, u jżidu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni ta' persuni soġġetti għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera. Barra minn hekk, iridu jitħaffu l-passi preparatorji għall-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar ir-responsabbiltà u għat-trasferimenti u s-salvagwardji u l-garanziji legali l-ġodda jridu jiġu implimentati fil-ħin, inkluż il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali. Sadanittant tissokta l-ħidma fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà.

Flimkien mal-implimentazzjoni tal-Patt, l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u l-isforzi sostnuti tagħna dwar id-diplomazija tal-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi diġà qed **jagħtu riżultati b'saħħithom.** Il-qsim illegali tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-UE


[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2642 tad-19 ta' Diċembru 2025 dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026.
[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2055 tat-2 ta' Ottubru 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003.
[7] https://home-affairs.ec.europa.eu/news/european-commission-provides-additional-eur-3-billion-support-migration-and-asylum-management-2025-05-12_en.
[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025PC0101.
[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika.

naqas b'26 % fl-2025 meta mqabbel mal-2024. L-għadd ta' persuni li nstabu jippruvaw jaqsmu l-fruntiera b'mod illegali huwa fl-aktar livell baxx mill-2021. Dan kollu huwa r-riżultat ta' bidliet fil-politika mill-Unjoni u mill-Istati Membri, allinjament dejjem akbar fost l-Istati Membri, u kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi sħab tul ir-rotot migratorji ewlenin.

Filwaqt li tibni fuq din id-dinamika, l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni[10] tistabbilixxi l-**objettivi għas-snin li ġejjin**: il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u t-tkissir tal-mudell tan-negozju tan-networks ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-protezzjoni tal-persuni li jaħarbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni filwaqt li jiġi evitat l-abbuż mis-sistema tal-ażil, u l-inkoraġġiment tat-talent biex jiġi fl-Unjoni biex jagħti spinta lill-kompetittività tal-ekonomija tagħna. L-iżgurar ta' sistema soda, ġusta u effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni bbażata fuq il-Patt u li tkun kapaċi tadatta u tirrispondi għall-iżviluppi ġeopolitiċi, se jkompli jkun prijorità.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni **tistieden lill-Istati Membri kollha biex jintensifikaw ulterjorment l-isforzi tagħhom għal implimentazzjoni f'waqtha tal-Patt**. Filwaqt li jagħmlu dan, huwa importanti li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom ma', u jinvolvu, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lis-sħab soċjali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati oħra, billi jagħmlu użu mir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Il-Kummissjoni tibqa' f'kuntatt mal-Istati Membri biex tindirizza l-lakuni li fadal u hija lesta li tkompli tipprovdi l-appoġġ meħtieġ.

Id-dħul fis-seħħ tal-Patt huwa pass importanti. Madankollu, dan ma huwiex it-tmiem tal-proċess. **L-isforzi sostnuti se jkun meħtieġ li jkomplu ferm lil hinn minn Ġunju** biex is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tiġi operazzjonalizzata.



[10] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52026DC0045https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52026DC0045.

2. TWETTIQ FIL-LIVELL TAL-UNJONI

Minbarra l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, fi Frar ġew adottati u daħlu fis-seħħ **inizjattivi leġiżlattivi ewlenin** li huma parti mill-approċċ komprensiv u li huma mmirati biex jikkompletaw u jikkomplementaw il-Patt.

Ir-**regoli riveduti dwar pajjiżi terzi sikuri**[11] jagħmluha aktar faċli għall-Istati Membri biex jikkunsidraw applikazzjoni għall-ażil inammissibbli meta l-applikanti jkunu jistgħu jirċievu protezzjoni effettiva f'pajjiż terz li jkun sikur għalihom u fejn jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni. Dan għandu jgħin biex titnaqqas ulterjorment il-pressjoni fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil u jitnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji legali u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Il-**lista** l-ġdida **tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri**[12] tippromwovi approċċ aktar uniformi bejn l-Istati Membri meta jittrattaw applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi, li jippermetti li dawk it-talbiet jiġu pproċessati aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti permezz ta' proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera.

Matul dawn l-aħħar xhur, **il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri** biex jadattaw l-oqfsa legali nazzjonali tagħhom. Il-koordinazzjoni ġiet żgurata, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (SCIFA), u d-djalogi bilaterali tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà tibqa' l-forum ewlieni għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà sakemm il-Forum ta' Livell Tekniku tal-UE dwar is-Solidarjetà jkun jista' jibda l-ħidma tiegħu f'Ġunju 2026. Il-kumitati ta' kuntatt u l-gruppi ta' esperti eżistenti komplew jiddiskutu u joffru gwida dwar il-qafas legali, spiss permezz ta' laqgħat konġunti ta' gruppi differenti biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' sinerġiji fl-istrumenti leġiżlattivi kollha u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha fi skambji regolari mal-**Parlament Ewropew**, b'mod partikolari mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil – Implimentazzjoni tal-Patt/is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

L-involviment mas-**soċjetà ċivili** qed iseħħ f'diversi fora, inkluż il-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni (saret laqgħa f'Novembru 2025) u s-sensibilizzazzjoni bilaterali. L-involviment man-networks **ġudizzjarji** inkluda l-ħidma man-Networks Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ) dwar il-proċedura fuq il-fruntiera, biex jiġu identifikati modi ta' appoġġ għall-ġudikatura nazzjonali bil-bidliet proċedurali introdotti mill-Patt.

L-**aġenziji tal-UE**, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), l-Aġenzija tal-UE għal Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira (eu-LISA), il-Frontex, il-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), ikomplu jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex jappoġġaw il-proċess ta' riforma. Dawn qed jagħmlu progress kif ippjanat bit-tħejjija tad-dokumenti ta' gwida, il-mudelli u l-materjal ta' taħriġ meħtieġa, f'konformità mal-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni. L-aġenziji jkomplu

[11] Ir-Regolament (UE) 2026/463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur.
[12] Ir-Regolament (UE) 2026/464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202600464.

jipprovdu wkoll assistenza mfassla apposta lill-Istati Membri fuq talba, li tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi ġodda u li qed jevolvu[13]. Wara l-eżerċizzji ta' monitoraġġ pilota tal-EUAA fl-Estonja u fin-Netherlands biex iħejju għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni teknika u operazzjonali tal-acquis dwar l-ażil fl-Istati Membri kollha, se titlesta reviżjoni tal-metodoloġija ta' monitoraġġ sa Ġunju 2026 u l-ewwel tliet Stati Membri se jkunu soġġetti għal monitoraġġ fit-tieni nofs tal-2026[14].

Il-Kummissjoni tkompli wkoll tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri permezz tal-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI)**. L-istrument jappoġġa tmien Stati Membri[15] biex jimplimentaw riformi speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom, f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (ICMPD) u mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). Xi wħud minn dawn l-Istati Membri huma involuti wkoll fl-apprendiment bejn il-pari permezz ta' komunità ta' prattika, li tinkludi pereżempju workshops tematiċi u skambji prattiċi[16] u hija stabbilita bl-appoġġ tal-ICMPD u msaħħa bil-parteċipazzjoni *ad hoc* ta' xi aġenziji tal-UE.

3. OPERAZZJONALIZZAZZJONI TAL-ELEMENTI KOSTITWENTI – AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROGRESS

Appoġġata minn ħidma fil-kumitati ta' kuntatt tal-Kummissjoni, li jkomplu jiżviluppaw ulterjorment gwida u jgħinu biex tiġi indirizzata kwalunkwe domanda u kwistjoni emerġenti, **qed tiġi stabbilita l-leġiżlazzjoni nazzjonali** meħtieġa. F'mill-inqas ħdax-il Stat Membru, l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jinsab fil-proċedura parlamentari[17], u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra jinsabu fl-istadji finali tat-tħejjija tal-proposti meħtieġa[18]. Ħames Stati Membri diġà adottaw il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti[19].

Abbażi tal-ħtiġijiet identifikati fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali, **il-programmazzjoni strateġika tal-EUR 3 biljun** allokati għall-implimentazzjoni tal-Patt tlestiet għal 26 Stat Membru[20]. Dan il-proċess ippermetta li jiġu vvalutati l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, li għen biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-fondi tal-UE, li żied mal-finanzjament eżistenti tal-UE mill-programmi nazzjonali u l-baġits nazzjonali. Sa April

[13] Aktar dettalji dwar l-appoġġ tal-aġenziji huma mogħtija fit-taqsimiet rilevanti. Barra minn hekk, l-EUAA bħalissa tappoġġa 12-il Stat Membru abbażi ta' pjanijiet operazzjonali konġunti, il-Frontex għandha 36 operazzjoni konġunta mal-Istati Membri u mal-pajjiżi fil-viċinat, u l-eu-LISA tmexxi r-reviżjoni tal-Eurodac.
[14] Is-Slovakkja, Malta u l-Bulgarija.
[15] Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.
[16] L-Istati Membri jikkondividu għodod, mudelli, flussi tax-xogħol u esperjenzi biex jindirizzaw sfidi komuni u jippromwovu l-konverġenza tal-approċċi. Is-suġġetti inkludew oqsma bħar-Regolament dwar l-Iskrinjar, it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-konsulenza legali.
[17] L-Awstrija, il-Kroazja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Finlandja u r-Rumanija.
[18] Il-Belġju, il-Latvja, il-Litwanja, Spanja u l-Iżvezja jinsabu fl-istadji finali tal-abbozzar jew iffinalizzaw l-abbozz ta' miżuri. Għalkemm id-Danimarka ma hijiex marbuta bir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, il-qafas legali l-ġdid tagħha se jinkludi l-possibbiltà li tattiva l-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera jekk ikun hemm il-bżonn.
[19] Iċ-Ċekja, Ċipru, il-Ġermanja, l-Irlanda u s-Slovakkja.
[20] L-Ungerija għadha ma talbitx l-allokazzjonijiet assenjati relatati mal-Patt.

2026, ġew adottati l-biċċa l-kbira tal-emendi relatati tal-programm[21], filwaqt li għaddej il-proċess għall-emendi li fadal[22].

L-isfidi ġenerali ewlenin u l-passi li jmiss

Huwa kruċjali li l-Istati Membri **jlestu l-aġġustamenti legali meħtieġa** u dawk li għadhom qed jabbozzaw l-oqfsa leġiżlattivi meħtieġa javvanzaw b'urġenza.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-**użu tar-riżorsi tal-UE** għall-Patt, inkluż permezz ta' laqgħat ta' rieżami tal-prestazzjoni għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI). Fit-tieni nofs tal-2026, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jirrieżaminaw il-prestazzjoni ġenerali tal-programmi abbażi ta' data finanzjarja dwar l-assorbiment tal-fondi u data operazzjonali dwar il-progress lejn l-objettivi miftiehma. Parti mill-baġit 2026-2027 tal-Faċilità Tematika AMIF tista' tiġi mmobilizzata biex tipprovdi appoġġ ulterjuri lill-Istati Membri, abbażi tal-ħtiġijiet identifikati matul l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Patt, filwaqt li jitqiesu prijoritajiet oħra. Ir-riżorsi tal-UE għandhom jintużaw biex ikopru kwistjonijiet f'oqsma li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Patt jew li jridu jiġu indirizzati bi prijorità fi Stat Membru partikolari minħabba l-impatt possibbli tagħhom fuq il-preparatezza.

3.1. ELEMENT KOSTITWENTI 1 – IL-EURODAC

Il-funzjonament tajjeb tal-Eurodac huwa kruċjali għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt. **L-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA** biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni u, fejn ikun meħtieġ, jitolbu u jirċievu gwida mingħajr dewmien.

Sa nofs April 2026, ħdax-il Stat Membru kienu rrappurtaw li jinsabu fit-triq it-tajba biex jibdew jaħdmu fis-sistema l-ġdida tal-Eurodac sa Ġunju[23]. Sittax-il Stat Membru rrapportaw li għadhom jiffaċċjaw sfidi differenti, iżda jistennew li jkunu jistgħu jsolvu l-kwistjonijiet pendenti fil-ħin[24]. L-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri huma d-dewmien fil-proċeduri nazzjonali tal-akkwist, bi ħdax-il Stat Membru jiddikjaraw li se jkunu qed jibbażaw fuq is-soluzzjoni ċentralizzata żviluppata mill-eu-LISA[25].

Il-kampanja ta' ttestjar tas-sistema l-ġdida li fiha huma involuti l-Istati Membri u l-eu-LISA hija miexja 'l quddiem. Kif mistenni, ir-riżultati tat-testijiet jindikaw fejn hemm bżonn ta' bidliet fil-konfigurazzjonijiet tekniċi fil-livell nazzjonali. Biex jitnaqqsu l-lakuni, se jkunu

[21] L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza (BMVI), il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja (AMIF), il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.
[22] Ċipru, il-Belġju, il-Lussemburgu, il-Latvja (BMVI), il-Polonja, id-Danimarka (BMVI) u Franza (AMIF). Il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen huma involuti fi djalogu strateġiku ddedikat dwar il-Patt bil-għan li jissottomettu programm emendat sat-12 ta' Ġunju 2026.
[23] Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.
[24] L-Awstrija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja.
[25] Is-soluzzjoni ċentralizzata, li tippermetti lill-Istati Membri jwettqu operazzjonijiet tal-Eurodac permezz ta' Interfaċċa tal-Utent tal-Web (WUI), hija l-għażla ta' riżerva għall-Membri li jiffaċċjaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni nazzjonali.

meħtieġa sforzi miftiehma fil-livell nazzjonali bl-assistenza mill-eu-LISA. Sabiex jitwieġbu dawn l-isfidi, l-eu-LISA tipprovdi b'mod regolari feedback għall-mistoqsijiet bil-miktub u qed jiġu organizzati laqgħat mal-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati oħra.

L-Istati Membri impenjaw ruħhom għal sett ta' stadji importanti għall-ittestjar tal-konformità teknika tal-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll għall-ittestjar tal-proċessi tan-negozju tagħhom. It-62 laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-18 ta' Marzu rrikonoxxiet li ħafna Stati Membri għamlu progress tajjeb b'mod ġenerali, u kkonfermat l-ippjanar għall-bidu tal-operat f'Ġunju 2026. Fl-istess ħin, xi Stati Membri għad iridu jżidu l-isforzi tagħhom wara li ma laħqux l-istadju miftiehem tal-ittestjar tal-15 ta' April. Sal-24 ta' April, dsatax-il Stat Membru lestew l-ittestjar tal-konformità tagħhom[26]. L-Istati Membri l-oħra se jkollhom jiffinalizzaw malajr dan l-ittestjar. Dawk li jibbażaw fuq approċċ ta' implimentazzjoni ibridu[27] għandhom jibbażaw fuq l-għażla ta' riżerva f'każ li l-problemi fl-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom jieħdu fit-tul. Fir-rigward tal-ittestjar tal-proċessi tan-negozju, l-Istati Membri huma meħtieġa juru riżultati ta' ttestjar suffiċjenti tal-proċessi tan-negozju kritiċi kollha malajr kemm jista' jkun; id-disa' Stati Membri li għadhom ma bdewx jeħtieġ li jagħmlu dan b'mod urġenti[28].

L-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istatistika bejn is-sistemi[29] u l-emendi meħtieġa kollha ħlief waħda li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni għall-atti mhux leġiżlattivi biex jiġi appoġġat il-qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, ġew adottati[30]. Dawn jippermettu wkoll l-użu tal-Eurodac mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) ladarba tkun operattiva sal-aħħar tal-2026.

L-eu-LISA tkompli tipprovdi riżultati fi żmien strett. Bis-saħħa tal-ħidma tagħha, is-sistema ċentrali tal-Eurodac issa hija lesta li timmaniġġa l-funzjonalitajiet kollha meħtieġa[31]. L-eu-LISA integrat b'suċċess ukoll il-Eurodac fil-qafas għall-interoperabbiltà, billi għaqqdet is-sistema mar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità, il-Portal Ewropew tat-Tfittxija u s-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

[26] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.
[27] L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw ir-Regolament Eurodac billi jew jadattaw is-sistemi nazzjonali tagħhom abbażi tad-Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa tal-Eurodac, u b'hekk jippermettu interazzjoni awtomatizzata (sistema għal sistema) bejn is-sistemi nazzjonali u dawk ċentrali tal-Eurodac, jew billi jużaw id-WUI, żviluppata mill-eu-LISA, li tippermetti lill-utenti finali jwettqu operazzjonijiet permezz tal-interfaċċa nnifisha u tnaqqas il-ħtieġa għal implimentazzjoni nazzjonali. L-implimentazzjoni ibrida tirreferi għall-użu tal-interazzjoni bejn sistema u sistema għall-operazzjonijiet l-iktar impenjattivi (eż. it-trażmissjoni ta' settijiet ta' data ġodda), filwaqt li tibbaża fuq id-WUI għal dawk inqas impenjattivi.
[28] Il-Kroazja, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovakkja.
[29] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/533 tal-11 ta' Marzu 2026 li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut tal-istatistika bejn is-sistemi ta' kull xahar bl-użu ta' data mill-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ skont l-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament.
[30] Minħabba diskussjonijiet dwar skeda ġdida ta' żmien ta' twettiq għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) riveduta, l-att li jistabbilixxi l-korrispondenza bejn id-data tal-VIS u dik tal-Eurodac ġie pospost.
[31] Minħabba l-iskeda ta' żmien diffiċli, il-Kummissjoni u l-eu-LISA qablu dwar il-funzjonalitajiet li huma strettament meħtieġa li jkunu fis-seħħ f'Ġunju. Funzjonalitajiet oħra se jidħlu sal-aħħar tas-sena.

L-ittestjar tal-Eurodac u t-taħriġ tal-persunal iridu jkunu l-fokus ewlieni għax-xhur li ġejjin. L-eu-LISA organizzat diversi workshops iddedikati dwar l-ittestjar u l-funzjonalitajiet tal-Interfaċċa tal-Utent tal-Web. Il-Europol u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li għandhom id-dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u jittestjaw il-proċeduri operazzjonali tagħhom kif xieraq. Biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet jibdew b'suċċess, huwa kruċjali li s-soluzzjonijiet tal-IT u l-hardware relatat (eż. magni tal-Eurodac) jiġu akkwistati fil-ħin[32].

L-Istati Membri li għażlu approċċ ta' implimentazzjoni ibrida iżda li jinsabu f'riskju ta' dewmien jeħtieġ li jiżguraw prontezza operazzjonali bbażata fuq is-soluzzjoni ċentrali u jwettqu l-ittestjar rilevanti.

3.2. ELEMENT KOSTITWENTI 2 – SISTEMA ĠDIDA GĦALL-ĠESTJONI TAL-MIGRAZZJONI FIL-FRUNTIERI ESTERNI TAL-UNJONI

L-għadd ta' Stati Membri li jew diġà għandhom jew li dalwaqt se jkollhom kemm faċilitajiet ta' akkoljenza kif ukoll riżorsi umani fis-seħħ biex jistabbilixxu **kapaċità adegwata għall-proċeduri fuq il-fruntiera żdied** għal 15 mill-aħħar aġġornament[33]; il-11-il Stat Membru li jifdal[34] jeħtieġ li jżidu b'mod urġenti l-isforzi biex jistabbilixxu u jilħqu l-kapaċità adegwata tagħhom. Xi Stati Membri kellhom jiddefinixxu soluzzjonijiet (*interim*) proviżorji filwaqt li qed jinbnew faċilitajiet ġodda bħal ċentri għal skopijiet multipli[35]. Is-siti eżistenti qed jiġu rinnovati biex jilħqu l-istandards meħtieġa skont il-Patt u l-arranġamenti magħmula biex tiġi evitata l-ħarba f'xi Stati Membri[36]. Il-postijiet fejn l-Istati Membri jwettqu l-proċeduri fuq il-fruntiera kellhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni sa nofs April 2026: sal-4 ta' Mejju, 17-il Stat Membru nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tali post[37]. Biex jantiċipaw l-iskadenzi l-ġodda għall-proċedura fuq il-fruntiera, xi Stati Membri introduċew skadenzi għall-qrati, u/jew ippruvaw iżidu l-kapaċitajiet tal-qrati biex jevitaw il-konġestjonijiet fl-istadju tal-appell. Il-miżuri jinkludu ż-żieda fir-riżorsi tal-persunal u fl-infrastruttura teknika, inklużi faċilitajiet għal intervisti mill-bogħod[38]. Miżuri preparatorji oħra jinkludu l-ħolqien jew l-aġġornament ta'

[32] L-Istati Membri fejn l-akkwist relatat mal-Eurodac għadu għaddej u b'mod ġenerali jinsab fit-triq it-tajba jinkludu l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, is-Slovenja u Spanja. Franza u s-Slovakkja kkonkludew dan il-proċess.

[33] L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

[34] Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovenja.

[35] Pereż. L-Estonja, il-Latvja, fost oħrajn.

[36] Pereż. L-Awstrija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Spanja u l-Italja.

[37] Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja.

[38] Il-Kroazja u n-Netherlands introduċew leġiżlazzjoni ġdida biex jistabbilixxu skadenzi għall-ġudikatura. Il-Belġju u l-Kroazja investew f'kapaċità bħal persunal ġdid u/jew infrastruttura teknika. L-Italja qed tirrekluta persunal addizzjonali għall-kummissjonijiet u l-qrati tal-ażil. Franza saħħet il-kapaċità tal-qrati tal-appell li jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn. Ċipru jinsab fil-proċess li jsaħħaħ il-Qorti Amministrattiva tal-Protezzjoni Internazzjonali b'erba' mħallfin.

proċeduri u linji gwida operazzjonali standard, id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri u l-istabbiliment ta' sistemi komuni ta' ġestjoni tal-każijiet[39].

Il-Kummissjoni qed taġġorna l-abbozz tad-dokument ta' gwida dwar il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn fuq il-fruntiera abbażi ta' diskussjonijiet mal-esperti nazzjonali, il-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-ażil u mal-ħaddiema tal-każ tar-ritorn. Il-Gwida Prattika l-ġdida tal-EUAA dwar il-Proċedura tal-Ażil fuq il-Fruntiera, adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-EUAA f'Marzu 2026[40], tiddeskrivi elementi prattiċi ewlenin għal proċedura effettiva fuq il-fruntiera.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jagħmlu progress fl-istabbiliment u fl-organizzazzjoni ta' **skrinjar** obbligatorju[41]. Madwar żewġ terzi tal-Istati Membri nnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-iskrinjar qabel l-iskadenza tat-12 ta' Ġunju[42]. Ħafna diġà qed iħarrġu lill-persunal jew qed jiffinalizzaw l-ippjanar għat-taħriġ, ħafna minnhom bl-appoġġ – jew billi jużaw materjal – mill-EUAA u l-Frontex, kif ukoll mill-IOM[43]. Saru proġetti ta' skrinjar, organizzati bl-appoġġ tal-Frontex, tal-EUAA u tal-Europol, fuq il-gżira ta' Lampedusa u fi Sqallija, kif ukoll fl-ajruport ta' Liżbona u fil-fruntiera tal-art fir-Rumanija. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa ulterjorment il-gwida tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar bil-ħsieb ta' aġġornament futur tal-Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntiera. Il-moduli ta' taħriġ dwar l-iskrinjar, żviluppati mill-EUAA u mill-Frontex, saru disponibbli għall-utenti fl-aħħar ta' Settembru 2025. Iż-żewġ aġenziji allinjaw il-kontenut tat-taħriġ tagħhom biex jiżguraw implimentazzjoni armonizzata. Il-Frontex żviluppat programm ta' taħriġ għall-gwardji tal-fruntiera li jadatta għall-kuntesti nazzjonali. L-EUAA żviluppat modulu ta' taħriġ "Introduzzjoni għall-Iskrinjar fil-Kuntest tal-Protezzjoni Internazzjonali" li huwa disponibbli minn Marzu 2026[44]. Is-sett ta' għodod għall-iskrinjar[45] żviluppat mill-Frontex u mill-EUAA jikkomplementa l-gwida tal-Kummissjoni, u jinkludi sett ta' mudelli, materjali ta' gwida u riżorsi prattiċi. Bl-inkorporazzjoni tat-tagħlimiet meħuda mill-ittestjar fuq il-post fl-Italja u fir-Rumanija, il-verżjoni finali tar-riżultati tas-sett ta' għodod għall-ittestjar ġiet iffinalizzata u distribwita lill-Istati Membri għall-użu tagħhom, inkluża lista ta' kontroll operazzjonali għall-prattikanti mediċi.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

[39] L-Istati Membri li aġġornaw il-linji gwida u l-proċeduri operazzjonali: l-Awstrija, il-Kroazja, l-Estonja, Franza, il-Litwanja, Malta, il-Greċja, l-Italja u Spanja. L-Istati Membri li ħadu miżuri biex jiddiġitalizzaw il-proċeduri jew jistabbilixxu sistemi komuni ta' ġestjoni tal-każijiet: l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

[40] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-asylum-border-procedure.

[41] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Latvja, Spanja u l-Iżvezja jinsabu fit-triq it-tajba biex jimplimentaw l-iskrinjar; l-Italja hija lesta għall-wasliet bil-baħar.

[42] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvizzera.

[43] Dan jinkludi l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, Spanja, il-Finlandja, l-Italja, is-Slovakkja u ċ-Ċekja. It-taħriġ kollu ġie ffinalizzat fil-Bulgarija.

[44] Aktar informazzjoni dwar il-modulu hija disponibbli permezz ta' din il-link: https://www.euaa.europa.eu/training-catalogue/introduction-screening-context-international-protection#section14332-1.

[45] Żviluppat mill-Frontex, mill-EUAA u mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Europol u tal-esperti tal-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jaġixxu mingħajr dewmien biex jiżguraw l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-iskrinjar u tal-proċeduri fuq il-fruntiera. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għal xi Stati Membri[46] li jeħtieġ li jiżguraw **kapaċità adegwata**. Filwaqt li xi Stati Membri qed jibbażaw fuq soluzzjonijiet interim sakemm il-faċilitajiet ġodda ppjanati jkunu lesti, huwa importanti li dawn is-soluzzjonijiet jissodisfaw l-istandards stabbiliti fid-Direttiva l-ġdida dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u jkollhom persunal adegwat. L-Istati Membri li għadhom ma nnotifikawx lill-Kummissjoni l-postijiet fejn se jitwettqu l-proċeduri fuq il-fruntiera jeħtieġ li jagħmlu dan b'urġenza[47].

Sabiex jimmaniġġjaw il-proċess fil-fruntieri esterni, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-persuni soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma jidħlux fit-territorju tal-Istati Membri iżda jibqgħu fiż-żoni ddedikati. L-eżerċizzji ta' skrinjar pilota wrew sfidi fil-prevenzjoni tal-ħarba, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma huwa possibbli l-ebda riferiment effettiv għall-proċedura sussegwenti xierqa. B'tagħlima minn din l-esperjenza, trid tkun prijorità għall-Istati Membri li **jistabbilixxu miżuri effettivi biex jipprevjenu l-ħarba u l-movimenti sekondarji**. L-Istati Membri jeħtieġ li jużaw il-perjodu ta' qbid inizjali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jagħmlu kontrolli ta' skrinjar, b'mod partikolari l-kontrolli tal-identità u tas-sigurtà u r-reġistrazzjoni tal-Eurodac. Barra minn hekk, f'konformità mal-istrumenti legali tal-Patt, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq l-applikazzjoni differenzjata tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment, id-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni biex jipprevjenu b'mod effettiv il-ħarba, filwaqt li jiżguraw il-proporzjonalità u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż rieżami fejn ikun meħtieġ. Barra minn hekk, biex il-proċeduri fuq il-fruntiera jaħdmu, il-pajjiżi terzi jridu jaqdu r-rwol tagħhom u jirrispettaw l-obbligi internazzjonali għar-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom stess. Bħala parti mis-sensibilizzazzjoni tagħha dwar id-diplomazija dwar il-migrazzjoni, l-UE qed iżżid l-involviment tagħha ma' pajjiżi terzi rilevanti. L-Istati Membri jeħtieġ li jżidu l-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni sabiex il-migranti irregolari jiġu rritornati b'mod effettiv qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

L-iskrinjar u l-proċeduri fuq il-fruntiera jiddependu fuq il-kooperazzjoni effettiva ta' partijiet ikkonċernati differenti. Ħidma preparatorja oħra jeħtieġ li tiffoka fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal din il-kooperazzjoni, inkluż permezz ta' formoli elettroniċi u sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet, biex jiġu evitati konġestjonijiet jew lakuni proċedurali[48]. L-arranġamenti dwar il-kontrolli tas-saħħa għad iridu jiġu ffinalizzati f'xi Stati Membri[49]. Huwa importanti li l-informazzjoni tingħata fil-ħin matul il-fażi tal-iskrinjar sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw regoli dwar in-nuqqas ta' konformità meta jkun xieraq. L-iskrinjar għandu jkopri l-wasliet kollha anke meta l-wasliet ikunu għoljin: għal dan, il-protokolli u l-gwida jeħtieġ li jkunu qosra u ffokati fuq aspetti ewlenin biex jippermettu proċeduri rapidi, filwaqt li jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom jiġu skrinjati biss uħud mill-wasliet. Dawn għandhom, sa fejn ikun possibbli, isiru matul il-qbid inizjali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-

[46] L-Ungerija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Latvja, l-Italja, Spanja u l-Polonja.
[47] L-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja.
[48] L-isfidi relatati jvarjaw mill-iżgurar tal-infrastruttura tal-IT u l-iżvilupp tal-formoli, l-indirizzar tal-kustodja ta' minorenni mhux akkumpanjati, sad-dežinjazzjoni tal-postijiet.
[49] Dawn jinkludu l-Estonja, il-Ġermanja, is-Slovenja u Spanja.

liġi, sabiex tiġi evitata b'mod effettiv il-ħarba mingħajr ma jkollhom jittieħdu deċiżjonijiet individwali dwar id-detenzjoni jew ir-restrizzjoni tal-moviment liberu.

Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri kollha biex tindirizza l-isfidi li fadal. Barra minn hekk, bl-assistenza tal-EUAA u tal-Frontex, il-Kummissjoni qed torganizza workshops orjentati lejn il-prattika mal-Istati Membri l-aktar affettwati[50]. Il-workshops huma mfassla għall-kuntest nazzjonali speċifiku ta' kull Stat Membru, abbażi tas-sitwazzjoni ġeografika u migratorja, is-sistemi ta' akkoljenza differenti u l-kuntesti istituzzjonali nazzjonali usa' tagħhom. Billi jlaqqgħu flimkien l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-Patt, inkluża l-ġudikatura, il-workshops għandhom l-għan li jgħinu fil-ħolqien ta' proċess bla xkiel, mill-iskrinjar permezz tal-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera sal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u jkopru l-aspetti tekniċi u operazzjonali meħtieġa kollha li jeħtieġ li jiġu stabbiliti. Biex tissimplifika l-koordinazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jaħtru punti ta' kuntatt nazzjonali għall-iskrinjar u l-awtoritajiet nazzjonali tal-iskrinjar tagħhom qabel Ġunju 2026.

Sal-aħħar ta' Mejju, il-Eurostat se jippubblika fuq is-sit web tiegħu l-lista ta' pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali (20 % jew inqas), li hija waħda mir-raġunijiet għall-proċedura obbligatorja fuq il-fruntiera. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri se jkollhom jikkonsultaw din il-lista b'mod regolari biex jiżguraw iċ-ċarezza għall-awtoritajiet determinanti u għall-applikanti kkonċernati, u b'hekk jippromwovu l-applikazzjoni komuni tagħha fl-Unjoni. F'dan il-kuntest, id-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi kkonċernati se jipprovdu wkoll informazzjoni f'waqtha fuq il-post.

3.3. ELEMENT KOSTITWENTI 3 - KUNSIDERAZZJONI MILL-ĠDID TAL-AKKOLJENZA

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed iwettqu riformi parzjali tas-sistemi ta' akkoljenza tagħhom biex jaġġustaw għar-regoli l-ġodda, filwaqt li għal ftit Stati Membri dan huwa parti minn riforma sistemika fuq skala akbar[51]. Xi Stati Membri jindikaw kapaċitajiet ta' akkoljenza suffiċjenti[52], u ħafna Stati Membri qed jibnu faċilitajiet ġodda jew qed jirrinovaw jew jirrimudellaw dawk eżistenti[53]. Il-ħidma fuq l-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali ġodda għadha għaddejja f'diversi Stati Membri[54]; il-mudelli u l-pjanijiet ta' azzjoni żviluppati mill-EUAA u mill-Kummissjoni jibqgħu utli għal dan il-għan[55].

Diversi Stati Membri jkomplu l-ħidma tagħhom biex jistabbilixxu arranġamenti ta' akkoljenza differenti għal gruppi differenti ta' applikanti. Dawn l-arranġamenti jistgħu jkunu utli biex

[50] Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Spanja.
[51] Il-Portugall, l-Irlanda u l-Iżvezja. L-Iżvezja qed taqleb minn akkomodazzjoni privata għal ċentri kollettivi.
[52] Pereż. Iċ-Ċekja, il-Litwanja, Franza, il-Finlandja, Spanja, Malta, is-Slovakkja u l-Greċja (kontinentali).
[53] Pereż. L-Awstrija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Italja u Malta. Huwa mistenni dewmien fil-Bulgarija, f'Ċipru, fil-Latvja, fis-Slovenja, fis-Slovakkja u fil-Portugall.
[54] Pereż. L-Awstrija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja.
[55] L-EUAA qed tapplika dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fil-kuntest tal-appoġġ lir-Rumanija.

jaqdu l-ħtiġijiet ta' persuni b'vulnerabbiltajiet[56] jew familji, u biex jipprovdu faċilitajiet iddedikati għal każijiet ta' trasferiment[57].

L-avvanz tal-integrazzjoni diġitali u l-konnettività tas-sistemi eżistenti ta' ġestjoni tal-każijiet, it-titjib tat-trasferiment tad-data u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni għall-awtoritajiet rilevanti għadhom qasam ewlieni ta' ħidma għal kważi l-Istati Membri kollha, filwaqt li s-sitwazzjonijiet u l-punti tat-tluq ivarjaw[58]. Ħafna Stati Membri x'aktarx li jkomplu proġetti għall-integrazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet lil hinn minn Ġunju 2026.

Tissokta l-ħidma fil-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-Akkoljenza, b'enfasi fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2024 dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u t-tranżizzjoni mid-Direttiva applikabbli bħalissa għad-Direttiva riformulata. Dan jinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu, id-detenzjoni u alternattivi għad-detenzjoni li se jkunu dettaljati f'dokument ta' gwida ddedikat. Qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza f'Ġunju, Stat Membru wieħed diġà kkomunika t-traspożizzjoni sħiħa[59]. Abbażi tal-ħidma fin-Network ta' Akkoljenza tal-EUAA, l-EUAA ppubblikat Gwida Prattika dwar il-Ġestjoni ta' Ċentru ta' Akkoljenza[60] f'Diċembru 2025. Din tkopri elementi ewlenin relatati mal-ġestjoni u mal-organizzazzjoni taċ-ċentri ta' akkoljenza b'enfasi speċifika fuq il-fażi inizjali tal-akkoljenza u r-rabta mal-aspetti proċedurali. Hija tenfasizza wkoll ir-rwol importanti tal-aċċess għal miżuri bikrija ta' integrazzjoni matul il-fażi tal-akkoljenza biex tinħoloq il-bażi għall-inklużjoni b'suċċess sussegwenti fis-soċjetà ospitanti. Din tkopri elementi tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza: l-aċċess għal-lingwa, għall-edukazzjoni ċivika u għall-korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali, għas-suq tax-xogħol, kif ukoll il proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki. F'Marzu 2026, l-EUAA adottat l-"Istandards u l-Indikaturi Operazzjonali dwar l-Akkoljenza inklużi Aspetti relatati mal-Vulnerabbiltà" aġġornati[61]. Din tinkludi fokus fuq it-tfal u fuq il-vulnerabbiltà.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

L-Istati Membri jeħtieġ li jindirizzaw il-lakuni li jistgħu jwasslu għal dewmien fil-proċeduri, joħolqu kapaċitajiet żodda fejn ikun meħtieġ, jew jiżguraw kundizzjonijiet ta' kwalità adegwati fil-faċilitajiet, fir-rigward ta' ħtiġijiet u vulnerabbiltajiet speċifiċi b'mod partikolari għat-tfal, inklużi l-minorenni mhux akkumpanjati. Fejn ikun meħtieġ, jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri intermedji biex tiġi ggarantita kapaċità suffiċjenti. Huma meħtieġa b'mod partikolari sforzi

[56] Pereż. Ċipru, l-Italja, Malta, is-Slovenja u l-Iżvezja.
[57] Pereż. il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, in-Netherlands, is-Slovenja u l-Iżvezja.
[58] Il-ħidma fuq sistemi tal-IT relatati mal-akkoljenza għadha għaddejja fil-Belġju, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Litwanja, fil-Finlandja, Franza, fl-Italja, f'Malta, fis-Slovakkja, fis-Slovenja, fi Spanja u oħrajn. Filwaqt li l-Finlandja għandha sistema avvanzata, hija meħtieġa prijoritizzazzjoni tal-kompiti fid-dawl tan-nuqqas ta' esperti tal-IT. Is-Slovenja mhux se tiffinalizza l-ħidma kollha sa Ġunju 2026. Oħrajn, bħal Spanja, jindikaw progress tajjeb. L-Estonja se twettaq l-integrazzjoni tas-sistemi tal-IT wara Ġunju taħt proġett differenti u se tiżgura li l-interkonnettività meħtieġa kollha tkun fis-seħħ sa Ġunju.
[59] Iċ-Ċekja.
[60] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-management-reception-centre-arrival.
[61] Il-gwida taġġorna u tikkonsolida dawn li ġejjin: il-Gwida dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza: l-Istandards u indikaturi operazzjonali (2016); il-Gwida dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza għal Tfal Mhux Akkumpanjati: l-Istandards u indikaturi operazzjonali (2018); https://www.euaa.europa.eu/publications/guidance-reception-operational-standards-and-indicators; https://www.euaa.europa.eu/publications/guidance-vulnerability-operational-standards-and-indicators.

fejn l-Istati Membri ma jkollhom l-ebda pjan ċar biex jistabbilixxu kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati jew ikunu riċentement implimentaw tnaqqis fil-kapaċità[62]. B'mod partikolari f'dawn il-każijiet, l-Istati Membri rilevanti jridu jiżguraw li kwalunkwe miżura bħal din tkun konformi mal-ħtieġa ġenerali għal sistemi ta'ażil u akkoljenza ppreparati sew.

L-EUAA qed torganizza attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex tippromwovi l-għodod, il-gwida u t-taħriġ, u se tkompli torganizza workshops tematiċi u programmi ta' skambju għall-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-EUAA se tiżviluppa gwida dwar il-mudelli ta' akkoljenza.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri xorta jridu jittrasponu d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi rilevanti, flimkien ma' dokument ta' spjegazzjoni sat-12 ta' Ġunju. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jidentifikaw l-awtoritajiet responsabbli u jikkomunikaw din l-informazzjoni mill-aktar fis possibbli biex jiffaċilitaw l-iskambji dwar l-implimentazzjoni.

Data akkurata u kompluta dwar l-akkoljenza hija ċentrali biex tinforma l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' akkoljenza. L-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw dwar l-indikaturi ewlenin tal-akkoljenza għar-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni li jmiss. Mill-2027, l-Istati Membri mbagħad se jirrapportaw data lill-EUAA dwar sett komplut ta' indikaturi tal-akkoljenza. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jtejbu ulterjorment ir-rapportar u l-granularità tad-data biex jiżguraw statistika komparabbli u kompluta.

3.4. ELEMENT KOSTITWENTI 4 - PROĊEDURI ĠUSTI, EFFIĊJENTI U KONVERĠENTI TAL-AŻIL

Il-lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri li għadha kif ġiet adottata tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jantiċipaw xi elementi tar-Regolament, b'mod partikolari l-applikazzjoni tar-rata ta' rikonoxximent ta' 20 % (jew aktar baxxa) bħala raġuni għal proċedura aċċellerata, u l-possibbiltà li jiġu indikati pajjiżi ta' oriġini sikuri u pajjiżi terzi sikuri b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tal-Istat Membru jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.

Diversi Stati Membri qed jieħdu miżuri biex jindirizzaw ix-xogħol b'lura eżistenti u jtejbu l-ġestjoni tal-każijiet tagħhom. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' timijiet iddedikati, ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali, ir-riforma tal-proċessi permezz tad-diġitalizzazzjoni u ta' sistemi integrati ta' ġestjoni tal-każijiet, u l-armonizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol u tal-proċeduri bejn partijiet ikkonċernati differenti[63]. Xi Stati Membri qed jagħmlu użu wkoll mill-appoġġ tal-EUAA pereżempju biex jiżviluppaw b'mod konġunt proċeduri, jitolbu stazzjonamenti jew taħriġ, jew appoġġ operazzjonali[64]. Ħafna Stati Membri jkomplu jimpenjaw ruħhom mal-

[62] Għad hemm tħassib relatat mal-akkoljenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati, f'Ċipru, fil-Belġju, fin-Netherlands u fil-Greċja. Spanja qed tnaqqas il-kapaċitajiet fid-dawl ta' tnaqqis fil-wasliet. Franza rriorganizzat is-sistema ta' akkoljenza tagħha fl-2025 billi naqqset il-kapaċità *in natura* u pprovdiet allowance finanzjarju lill-applikanti li ma jingħatawx akkomodazzjoni *in natura* (l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali *in natura* jew permezz ta' flus kontanti/vawċers).
[63] L-Istati Membri li bħalissa huma involuti f'dawn ir-riformi differenti jinkludu l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall u Spanja.
[64] Pereż. il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja u l-Portugall.

ġudikatura u qed jieħdu miżuri konkreti biex jallinjaw il-proċeduri ġudizzjarji nazzjonali mar-rekwiżiti tal-Patt, isaħħu l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji u jżidu l-kapaċità biex jiġu ttrattati l-appelli[65].

L-EUAA qed taħdem fuq diversi prodotti li se jgħinu lill-Istati Membri jimplimentaw il-proċeduri l-ġodda tal-ażil. L-Istandards u l-Indikaturi Operazzjonali tal-EUAA dwar il-Proċedura tal-Ażil ġew ippubblikati fil-25 ta' Novembru 2025[66], biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-ilħuq ta' proċeduri ġusti u effettivi tal-ażil u jsaħħu s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil f'livell operazzjonali. L-EUAA tkompli tinvolvi ruħha wkoll b'mod attiv ma' membri tal-qrati u tat-tribunali dwar varjetà ta' temi[67].

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

Jeħtieġ li jinżammu azzjonijiet konkreti u, f'xi każijiet, jiġu intensifikati biex **jitneħħa x-xogħol b'lura eżistenti** u jiġi evitat il-ħolqien ta' oħrajn ġodda[68]. Xi wħud mill-miżuri li l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu huma li jibdew malajr il-proċessi ta' reklutaġġ, temporanji jew permanenti, u jipprovdu t-taħriġ meħtieġ biex jiżguraw li l-persunal ikun familjari sew mal-qafas il-ġdid, potenzjalment f'kollaborazzjoni mal-EUAA[69]. B'mod parallel mat-tnaqqis tax-xogħol b'lura, l-Istati Membri għandhom isaħħu wkoll il-kapaċità ġudizzjarja. Minħabba r-riskju ta' sistemi ġudizzjarji mgħobbija żżejjed u n-nuqqas ta' persunal li jista' jirriżulta minn skadenzi iqsar skont il-proċeduri l-ġodda, l-amministrazzjonijiet nazzjonali jridu jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti bejn is-servizzi rilevanti.

Bħala parti mill-ħidma preparatorja tagħhom, l-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jieħdu l-miżuri meħtieġa u, fejn applikabbli, jintroduċu bidliet leġiżlattivi biex jiżguraw aċċess effettiv għall-proċeduri tal-ażil, filwaqt li dejjem jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement.

Skont ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-oħra, minbarra l-awtorità determinanti, responsabbli biex jirċievu l-applikazzjonijiet, kif ukoll dwar l-awtorità kompetenti maħtura għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet sat-12 ta' Ġunju 2026. Huma jridu jaħtru wkoll punt ta' kuntatt nazzjonali għall-finijiet kemm ta' dak ir-Regolament kif ukoll tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika u jikkomunikaw id-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mbagħad tikkondividi din l-informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra.

3.5. ELEMENT KOSTITWENTI 5 - PROĊEDURI TA' RITORN AKTAR EFFIĊJENTI U ĠUSTI

B'mod parallel man-negozjati dwar ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jiddefinixxu miżuri prattiċi u operazzjonali biex tiżdied l-effiċjenza tar-

[65] L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Finlandja, l-Estonja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Latvja u Spanja.
[66] https://www.euaa.europa.eu/publications/operational-standards-indicators-asylum-procedure.
[67] https://www.euaa.europa.eu/sites/default/files/2025-11/2026_Courts_Tribunals_Schedule_Activities_EN.pdf.
[68] L-Istati Membri li għadhom jiffaċċjaw sfidi jinkludu l-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja.
[69] L-EUAA tkompli taġġorna l-moduli ta' taħriġ tagħha u tabbozza oħrajn ġodda. Sa issa, ġew aġġornati jew abbozzati mill-ġdid 26 modulu ta' taħriġ, u b'hekk il-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil ġie aġġornat mal-Patt.

ritorn. Kważi l-Istati Membri kollha aġġustaw il-qafas jew il-prattiki tagħhom biex jallinjaw mill-qrib id-deċiżjonijiet ta' ritorn mad-deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil f'konformità mar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. L-Istati Membri qed jintroduċu miżuri ulterjuri bħala parti minn sforzi konġunti usa' biex jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-proċessi amministrattivi[70]. L-Istati Membri ħadu passi biex jimmodernizzaw is-sistemi nazzjonali tagħhom ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn: sal-lum, bl-appoġġ tal-Frontex, 22 Stat Membru[71] implimentaw soluzzjonijiet tal-IT biex jimmaniġġaw il-każijiet ta' ritorn billi jgħaddu minn analiżi tal-lakuni kontra mudell ta' sistema tal-IT (mudell RECAMAS).

Bl-appoġġ tal-Koordinatur għar-Ritorni, l-Istati Membri u l-Frontex ikomplu bl-isforzi tagħhom fuq azzjonijiet immirati ta' ritorn u l-koordinazzjoni ta' miżuri operazzjonali biex iżidu r-ritorn lejn pajjiżi terzi ta' prijorità komuni. Għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, dawk l-Istati Membri bl-ogħla numru ta' każijiet fil-proċedura fuq il-fruntiera x'aktarx li jirritornaw ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn grupp ta' pajjiżi terzi ta' rilevanza partikolari għall-Istat Membru rispettiv. Il-fokus tal-miżuri kkoordinati għandu jinkludi l-istazzjonament ta' uffiċjali ta' kollegament f'dawn il-pajjiżi terzi, iż-żieda fl-adozzjoni ta' ritorni volontarji, l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, u l-għodod ta' identifikazzjoni.

Il-Frontex, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra, ġabret prattiki tajbin dwar l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni effettivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għar-ritorn. Il-prattiki tajbin, li jirriflettu b'mod espliċitu l-iskedi ta' żmien qosra u r-restrizzjonijiet operazzjonali introdotti mill-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, se jkunu disponibbli għall-Istati Membri fit-tieni trimestru tal-2026.

Ir-ritorni appoġġati mill-Frontex baqgħu jiżdiedu, u kienu jammontaw għal kważi nofs ir-ritorni globali mill-Unjoni fl-2025. Il-ħidma tal-uffiċjali tal-korpi permanenti stazzjonati, bħall-Ispeċjalisti tar-Ritorn (RS), l-Uffiċjali tal-Frontex għal Skorta u Appoġġ għar-Ritorn (FRESO) u l-Osservaturi tad-Drittijiet Fundamentali, tkompli tappoġġa l-proċessi ta' ritorn tal-Istati Membri. Minbarra l-istazzjonamenti standard, l-Aġenzija qed tippjana li tistazzjona timijiet magħmula kemm minn FRESO kif ukoll minn RS fl-Istati Membri. Dan jippermetti approċċ aktar koordinat biex tiġi appoġġata l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, b'azzjoni aktar aġli.

Fl-ewwel nofs tal-2025, l-Istati Membri kollha għadhom jagħmlu użu attiv mill-Programm għar-Riintegrazzjoni tal-UE tal-Frontex, li bħalissa jipprovdi assistenza għar-riintegrazzjoni f'madwar 40 pajjiż ta' oriġini. Bi tweġiba għat-talbiet tal-Istati Membri, il-Frontex tkompli tipprovdi appoġġ mmirat għall-bini tal-kapaċità lill-Istati Membri biex jarmonizzaw il-konsulenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni permezz ta' korsijiet ta' taħriġ regolari u multiplikaturi.

[70]Dan jinkludi l-Awstrija, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Ċipru (ċentru ta' ritorn volontarju assistit ġdid għal persuni vulnerabbli), il-Bulgarija u ċ-Ċekja (ritorn volontarju assistit), dwar l-uffiċċji tar-ritorn: il-Bulgarija u l-Iżvezja. Il-Polonja qed tippjana strateġija ġdida dwar ir-ritorn u qed iġġedded l-isforzi biex iżżid ir-ritorni.
[71] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvizzera.

Fl-iskambji ma' pajjiżi terzi, kif ukoll f'okkażjonijiet bħal-laqgħat tal-proċessi reġjonali dwar il-migrazzjoni, il-Kummissjoni wasslet lis-sħab l-implikazzjonijiet tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u l-ħtieġa li tittejjeb il-kooperazzjoni ġenerali biex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u jiġu rrispettati l-perjodi ta' żmien. L-elementi ewlenin ġew ippreżentati wkoll fil-Konferenza tal-Ambaxxaturi tal-UE tal-2026.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

Sabiex ikun hemm proċeduri aktar effiċjenti u effettivi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jilħqu ftehim rapidu dwar ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tressaq proposta dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni din is-sena.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-użu tagħhom tal-possibbiltajiet kurrenti għall-appoġġ mill-Frontex dwar ir-ritorn: bħalissa, tliet Stati Membri biss jużaw aktar minn 60 % ta' dan it-tip ta' appoġġ. Il-Kummissjoni u l-Frontex qed jinvolvu ruħhom mal-Istati Membri biex jidentifikaw il-ħtiġijiet operazzjonali u jsibu soluzzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, inkluż f'workshops iddedikati. Il-Frontex se tkompli tfassal l-appoġġ lill-Istati Membri abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ annwali tagħha.

Ir-ritorn u r-riammissjoni jibqgħu elementi ewlenin fl-approċċ komprensiv għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi. L-esperjenza turi li jekk l-obbligu ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji jiġi implimentat b'mod strutturat, b'regoli ċari u miftiehma, dan se jrawwem djalogu regolari. Il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u n-Niġerja, li ġie inizjalat dan l-aħħar mill-Partijiet, imur f'din id-direzzjoni, u jipprovdi qafas strutturat għall-kooperazzjoni. Dan huwa essenzjali biex jiġu indirizzati kwistjonijiet konkreti u jiġu identifikati s-soluzzjonijiet, abbażi tar-rieda politika għall-kooperazzjoni. Il-funzjonament tajjeb tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera huwa prekundizzjoni ewlenija biex il-proċeduri obbligatorji l-ġodda fuq il-fruntiera jaħdmu fil-prattika. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali wkoll li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri sabiex dawn ikollhom informazzjoni u kapaċità adegwati għal azzjoni f'pajjiżi terzi, u sabiex ir-ritorn u r-riammissjoni jiġu integrati fis-sett usa' ta' interessi tal-UE vis-à-vis il-pajjiż terz ikkonċernat.

3.6. ELEMENT KOSTITWENTI 6 - NAGĦMLU R-RESPONSABBILTÀ TAĦDEM

Il-funzjonament tajjeb tar-regoli eżistenti ta' Dublin u tar-regoli l-ġodda skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni huwa ta' importanza fundamentali għall-Patt. Ir-regoli għall-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' responsabbiltà ġew adottati f'Ottubru 2025[72]. Diversi Stati Membri qed isaħħu l-kapaċitajiet tal-unitajiet ta' Dublin tagħhom permezz ta' reklutaġġ ġdid jew permezz ta' trasferimenti interni[73]. L-Istati Membri qed jieħdu wkoll miżuri oħra. Dawn jinkludu r-riorganizzazzjoni interna, it-titjib tas-sistemi tal-IT u ta' ġestjoni tal-każijiet, gwida u taħriġ ġodda, l-irfinar tal-proċeduri għal gruppi u familji vulnerabbli, l-

[72] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2055 tat-2 ta' Ottubru 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003.
[73] L-Awstrija (trasferimenti interni), il-Belġju, il-Kroazja, l-Estonja, il-Greċja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja

istabbiliment ta' faċilitajiet dedikati ġodda għal persuni soġġetti għal trasferimenti, u ż-żieda ta' miżuri ta' appoġġ bħas-servizzi ta' konsulenza[74].

"Standards u indikaturi operazzjonali dwar ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni" ġodda tal-EUAA, adottati f'Marzu 2026[75] u żviluppati flimkien mal-Istati Membri, jirrevedu u jaġġornaw kompletament l-istandards u l-indikaturi eżistenti għar-Regolament Dublin III[76]. Dawn joffru appoġġ u gwida lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, b'enfasi fuq il-mekkaniżmu biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, biex jgħinu fil-kisba ta' proċeduri ġusti u effettivi u biex tissaħħaħ is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Biex tikkomplementa din il-gwida, l-EUAA qed taħdem fuq rakkomandazzjonijiet ġodda għal soluzzjonijiet prattiċi inkluż dwar l-organizzazzjoni tat-trasferimenti, il-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-prevenzjoni tal-ħarba u l-iżgurar li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati matul il-proċedura.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

Biex tiġi żgurata tranżizzjoni sostenibbli mis-sistema kurrenti ta' Dublin għar-regoli l-ġodda dwar ir-responsabbiltà, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti attivament fl-iffaċilitar tat-trasferimenti u fil-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet prattiċi u loġistiċi. L-Istati Membri kellhom jinnotifikaw il-postijiet magħżula tagħhom għat-trasferimenti tar-responsabbiltà sat-12 ta' April 2026[77]. Dan huwa essenzjali għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida ta' responsabbiltà. Filwaqt li għaddejjin ir-riformi, għad hemm nuqqasijiet ta' persunal f'xi Stati Membri u jeħtieġ li jiġu indirizzati[78].

Il-Kummissjoni tinsab fi djalogu mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jsiru t-trasferimenti lejn l-Istati Membri kollha f'konformità mar-regoli l-ġodda malli dawn jibdew japplikaw. Il-Kummissjoni se tivvaluta sat-12 ta' Lulju, u mill-ġdid sal-15 ta' Ottubru, jekk il-prattiki kurrenti fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar it-trasferimenti ġewx rimedjati, u b'hekk jikkostitwixxu nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni.

Il-Kummissjoni se tiffinalizza l-atti delegati ppjanati skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni biex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar minorenni mhux

[74] Pereż. riorganizzazzjonijiet interni fil-Kroazja u fl-Irlanda; titjib fis-sistemi tal-IT u ta' ġestjoni tal-każijiet fil-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, il-Finlandja, l-Irlanda u l-Italja; gwida ġdida inkluża fir-rigward ta' gruppi u familji vulnerabbli fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fi Franza u fl-Irlanda; taħriġ addizzjonali fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fi Franza, fl-Irlanda, fil-Portugall u fl-Iżvezja; l-istabbiliment ta' faċilitajiet speċjali biex jiġu akkomodati persuni għat-trasferimenti tar-responsabbiltà fil-Belġju, fil-Finlandja, fil-Ġermanja u fis-Slovenja, iżda wkoll konsulenza mtejba biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ħarba, bħal pereżempju fil-Belġju.
[75] https://www.euaa.europa.eu/publications/operational-standards-indicators-asylum-migration-management-regulation.
[76] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid).
[77] L-Istati Membri kollha ħlief l-Ungerija għalissa nnotifikaw il-postijiet magħżula lill-EUAA.
[78] Il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall u r-Rumanija.

akkumpanjati u persuni dipendenti, inkluża d-determinazzjoni tar-responsabbiltà abbażi ta' dawn il-kriterji. L-aġġornament tad-DubliNet ikompli abbażi tan-nota kunċettwali żviluppata mill-eu-LISA u mill-Kummissjoni u maqbula mill-Istati Membri f'Ġunju 2024. L-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll id-dettalji tekniċi u operazzjonali tal-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tad-DubliNet.

3.7. ELEMENT KOSTITWENTI 7 – NAGĦMLU S-SOLIDARJETÀ TAĦDEM

F'Novembru 2025, tnieda l-ewwel ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni bl-adozzjoni tar-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, li vvaluta s-sitwazzjoni migratorja fl-Unjoni u fl-Istati Membri għall-perjodu Lulju 2024 – Ġunju 2025, u identifika x-xejriet u l-iżviluppi potenzjali għas-sena li jmiss[79]. Abbażi tas-sejbiet tar-rapport, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' implimentazzjoni[80] li tiddetermina l-Istati Membri taħt pressjoni migratorja (Ċipru, il-Greċja, l-Italja u Spanja), f'riskju ta' pressjoni migratorja (il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja. Il-Ġermanja, l-Irlanda, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Finlandja) u li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Kroazja, l-Awstrija u l-Polonja). Wara l-proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-riżerva ta' solidarjetà, il-Kunsill laqqa' l-Forum ta' Livell Għoli tal-UE dwar is-Solidarjetà fejn l-Istati Membri wiegħdu l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà tagħhom[81]. Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiegħu dwar l-istabbiliment tar-Riżerva ta' Solidarjetà għall-2026 fid-19 ta' Diċembru 2025, b'numru ta' referenza ta' 21 000 rilokazzjoni jew forom oħra ta' appoġġ ta' solidarjetà jew EUR 420 miljun f'kontribuzzjonijiet finanzjarji[82]. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE bħalissa qed iħejji l-operazzjonalizzazzjoni tar-Riżerva taħt il-Pjattaforma ta' Solidarjetà[83].

Il-Gwida Prattika l-ġdida tal-EUAA dwar il-Mekkaniżmu ta' Solidarjetà, adottata f'Marzu 2026[84], tipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni prattika tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà mill-awtoritajiet nazzjonali, speċjalment għar-rilokazzjonijiet. It-tieni parti se tiffoka fuq il-kumpens tar-responsabbiltà.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

Miexja sewwa l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-ewwel Riżerva ta' Solidarjetà, bi skambji li qed isiru bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha. Il-Forum ta' Livell Tekniku tal-UE dwar is-Solidarjetà se jitlaqqa' wara li l-Patt jibda japplika bis-sħiħ f'Ġunju, biex imexxi 'l quddiem l-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà abbażi tal-proposta tal-Koordindatur tas-Solidarjetà għal distribuzzjoni bbilanċjata u ġusta tar-Riżerva fost l-Istati Membri benefiċjarji. Biex dan jitħejja, bħalissa qed isiru skambji fil-fond mal-Istati Membri kollha fil-Pjattaforma ta' Solidarjetà u b'mod bilaterali kemm mal-Istati Membri benefiċjarji

[79] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0795.
[80] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2323 tal-11 ta' Novembru 2025 skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[81] L-Istati Membri kollha għamlu l-wegħda tagħhom ħlief l-Ungerija u s-Slovakkja.
[82] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2642 tad-19 ta' Diċembru 2025 dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026.
[83] Fit-23 ta' Marzu 2026, saret laqgħa tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà biex titħejja l-operazzjonalizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà għall-2026, ladarba jidħol fis-seħħ il-Patt.
[84] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-solidarity-mechanism-part-i.

kif ukoll ma' dawk kontributuri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tiżgura li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għar-Riżerva ta' Solidarjetà. Jibqa' kruċjali għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà li ma jkun hemm l-ebda nuqqas sistemiku fl-Istati Membri benefiċjarji fir-rigward tar-regoli dwar ir-responsabbiltà skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni li jista' jirriżulta f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tas-sistema. Jekk jinstabu nuqqasijiet bħal dawn, l-Istati Membri kontributuri mhux se jkunu meħtieġa jimplimentaw il-wegħdiet tagħhom.

Wara t-tnedija tal-ewwel ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kwalità u l-kompletezza tad-data tjiebu. Madankollu, hija meħtieġa aktar ħidma għaċ-ċiklu li jmiss[85]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data u l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tiġi rrapportata fil-ħin lill-korpi rilevanti tal-UE, b'mod partikolari lill-EUAA, lill-Frontex u lill-Eurostat, kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni. Il-ħidma li għaddejja biex jiġi stabbilit mudell ġdid tal-fluss tad-data għandha tiżgura sett uniku ta' statistika Ewropea uffiċjali dwar il-protezzjoni internazzjonali[86]. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-kwalità u l-komprensività tal-valutazzjoni tagħha meta tiddetermina s-sitwazzjoni migratorja fl-Istati Membri.

3.8. ELEMENT KOSTITWENTI 8 - PREPARATEZZA U PPJANAR TA' KONTINĠENZA

L-iżviluppi ġeopolitiċi riċenti, bħal dawk relatati mal-Lvant Nofsani, ikomplu jissottolinjaw l-importanza tal-preparatezza u tal-ippjanar ta' kontinġenza. Kif ġie indikat mill-Mexxejja fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2026[87], l-UE hija lesta li timmobilizza bis-sħiħ l-għodod diplomatiċi, legali, operazzjonali u finanzjarji tagħha biex tipprevjeni movimenti migratorji mhux ikkontrollati lejn l-UE u tippreserva s-sigurtà fl-Ewropa. Il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE qed jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi u l-implikazzjonijiet possibbli fuq il-flussi migratorji, inkluż permezz ta' twissija bikrija, tbassir u mmudellar tax-xenarji, biex jiżguraw l-għarfien tas-sitwazzjoni u jappoġġaw risposti f'waqthom u kkoordinati fejn ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni, flimkien mal-EUAA u l-Frontex, qed tinvolvi ruħha mal-Istati Membri fi skambji ddedikati biex tiddiskuti xenarji possibbli u ppjanar ta' kontinġenza fil-fruntieri esterni[88] u fl-oqsma tal-ażil u l-akkoljenza fil-każ ta' żieda fil-flussi migratorji u tidentifika oqsma fejn jistgħu jkunu meħtieġa azzjonijiet addizzjonali biex tissaħħaħ il-preparatezza.

---

[85] Abbażi tal-ewwel Rapport Annwali, għad hemm lakuni sinifikanti fid-data f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tar-ritorn, tad-deċiżjonijiet ta' appell dwar l-ażil, tas-sistemi ta' akkoljenza, tal-minorenni mhux akkumpanjati u tas-soġġorn illegali. Ġiet irrapportata data mhux kompluta jew nieqsa għal indikatur wieħed jew aktar mill-Bulgarija, mill-Kroazja, minn Ċipru, miċ-Ċekja, mill-Estonja, mill-Finlandja, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Ungerija, mill-Irlanda, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, mil-Portugall, mir-Rumanija u minn Spanja.

[86] Qed jiġi stabbilit proġett konġunt bejn l-EUAA u l-EUROSTAT biex tiġi ssimplifikata l-istatistika dwar il-protezzjoni internazzjonali. Għandu jiġi ffirmat arranġament ta' ħidma bejn iż-żewġ entitajiet sa nofs l-2026 u l-fluss ta' data l-ġdid se jkun applikabbli mix-xahar ta' referenza ta' Lulju 2025.

[87] https://www.consilium.europa.eu/media/lwhk3itd/en-20260319-european-council-conclusions.pdf.

[88] Il-Frontex aġġornat il-Manwal dwar l-Ippjanar ta' Kontinġenza għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u r-Ritorn, referenza prattika mfassla biex tgħin fl-attivazzjoni, fl-ittestjar u fl-irfinar tal-pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza għal influssi migratorji għoljin u kriżijiet oħra fil-fruntieri esterni tal-UE.

L-Istati Membri kollha ħlief wieħed[89] ippreżentaw għalissa l-pjanijiet nazzjonali ta' kontingenza tagħhom lill-EUAA. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-pjanijiet jirriflettu l-elementi ewlenin tal-mudell żviluppat mill-EUAA; madankollu, il-pjanijiet ivarjaw fil-livelli ta' kompletezza tagħhom dwar l-ażil, l-akkoljenza u l-minorenni mhux akkumpanjati[90]. Bħala segwitu għas-sitwazzjoni preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-Patt, xi Stati Membri diġà jinsabu fil-proċess li jirrevedu jew li jikkomplementaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom[91]. Ftit Stati Membri[92] rrapportaw ukoll eżerċizzji ta' ttestjar u simulazzjoni riċenti jew ippjanati tad-diversi pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

B'mod ġenerali, il-livell ta' preparatezza fl-Unjoni u fl-Istati Membri qed jibbenefika mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Patt. Il-Kummissjoni u l-EUAA jkomplu jaħdmu mal-Istati Membri biex jidentifikaw prattiki tajba u oqsma fil-pjanijiet li għandhom jissaħħu, inkluż taħt il-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet tal-Migrazzjoni. B'mod partikolari, oqsma bħall-proċeduri tal-ażil u l-ħatra u l-volum ta' każijiet ta' rappreżentanti għal minorenni mhux akkumpanjati jibbenefikaw minn titjib u minn aktar ċarezza. Barra minn hekk, f'xi każijiet ma huwiex ċar jekk il-miżuri ta' preparatezza (pereż. il-loġistika u t-tħejjija għall-akkwist, il-kumulazzjoni, it-taħriġ jew il-kapaċità ta' akkoljenza ta' riżerva) humiex diġà fis-seħħ jew ippjanati. L-identifikazzjoni ta' limiti u indikaturi li jistgħu jitkejlu għal xenarji u miżuri ta' rispons differenti ttejjeb l-effettività tal-pjanijiet ta' kontingenza. Proċeduri ta' attivazzjoni u ta' rieżami definiti sew jikkontribwixxu wkoll għar-robustezza tagħhom.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-pjanijiet tagħhom, fejn ikun meħtieġ, jitlestew, jiġu rfinati jew aġġornati, jiġu adottati u nnotifikati lill-EUAA ladarba jiġu riveduti. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw miżuri xierqa għall-bini tal-kapaċità u jippjanaw attivitajiet biex jittestjaw il-pjanijiet ta' kontinġenza (pereż. simulazzjonijiet, eżerċizzji ta' simulazzjoni jew mekkaniżmi oħra ta' ttestjar tal-istress). L-Istati Membri se jkunu meħtieġa wkoll li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EUAA jekk il-pjan ta' kontingenza jiġi attivat mit-12 ta' Ġunju 2026, jew qabel jekk l-Istat Membru jkun ittraspona u beda japplika d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza qabel dik id-data[93].

L-EUAA tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri permezz ta' feedback strutturat u attivitajiet immirati, fuq talba. Sa issa, ġie pprovdut feedback dwar il-pjanijiet nazzjonali ta'

[89] L-Ungerija.
[90] Pereż. Spanja, l-Estonja, Franza, il-Latvja, in-Netherlands u l-Awstrija. Bħala parti mid-djalogi tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, xi whud minn dawn l-Istati Membri, kif ukoll il-Polonja, indikaw li jinsabu fil-proċess jew qed jippjanaw li jirrevedu u jikkomplementaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom. Stati Membri oħra indikaw li, minħabba t-tħejjijiet leġiżlattivi u amministrattivi li għaddejjin għad-dħul fis-seħħ tal-Patt, ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet ta' kontinġenza għadhom ma humiex ippjanati, jew huma previsti biss fi stadju aktar tard, iżda l-miżuri xorta waħda jistgħu jiġu varati f'każ ta' ħtieġa.
[91] Pereż. in-Netherlands u l-Estonja.
[92] Pereż. Malta, il-Portugall, Spanja, Franza u l-Italja rrapportaw attivitajiet ta' eżerċizzju riċenti jew ippjanati relatati mal-pjanijiet ta' kontinġenza rispettivi tagħhom.
[93] Fit-30 ta' Lulju 2025, ġew iċċirkolati lill-Istati Membri indikazzjonijiet konġunti dwar kif il-Kummissjoni u l-EUAA għandhom jiġu notifikati dwar l-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni tal-pjan fil-każijiet previsti fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

kontinġenza lil disa' Stati Membri[94]. L-EUAA bdiet tiżviluppa Gwida Prattika dwar il-metodoloġija tal-Ippjanar ta' Kontinġenza bl-appoġġ u bil-kontribut tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Frontex, li hija mistennija li tiġi ffinalizzata fl-2027. Il-Gwida Prattika għandha l-għan li tipprovdi lill-Istati Membri gwida strutturata, prattika u operazzjonali biex tappoġġa r-reviżjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali tagħhom. L-ippjanar ta' kontinġenza dwar l-akkoljenza u l-ażil se jiġi vvalutat bħala parti mill-programm ta' monitoraġġ pluriennali regolari tal-EUAA. Il-monitoraġġ fuq skala sħiħa se jibda minn Ġunju 2026 wara l-adozzjoni tal-metodoloġija riveduta ta' monitoraġġ, bi tliet Stati Membri, is-Slovakkja, Malta u l-Bulgarija, jiġu mmonitorjati fl-ewwel sena u bħala medja ħames Stati Membri fis-snin ta' wara.

3.9. ELEMENT KOSTITWENTI 9 - SALVAGWARDJI ĠODDA GĦALL-APPLIKANTI GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI U GĦALL-PERSUNI VULNERABBLI, U AKTAR MONITORAĠĠ TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Miexi 'l quddiem ix-xogħol fuq l-arranġamenti għall-konsulenza legali u l-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali. Kważi l-Istati Membri kollha waslu biex jikkonkludu arranġamenti biex jiżguraw li tingħata konsulenza legali bla ħlas fl-istadju amministrattiv tal-proċedura, għalkemm terz tal-Istati Membri għad iridu jiffinalizzaw il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa[95]. B'mod operazzjonali, il-maġġoranza tal-Istati Membri għażlu li jaħdmu ma' sħab esterni differenti, aġenziji indipendenti u/jew avukati/assoċjazzjonijiet tal-għajnuna legali jew NGOs[96], jew billi jkomplu bl-arranġamenti eżistenti jew billi jintroduċu oħrajn ġodda. L-Istati Membri kollha ħlief xi wħud qed jikkonkludu wkoll l-arranġamenti tagħhom fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fil-proċeduri fuq il-fruntiera, ħafna drabi mal-ombudspersons nazzjonali[97].

Wara l-gwida preċedenti tagħha[98], l-FRA żviluppat għodda prattika ta' monitoraġġ li tistabbilixxi metodoloġija komuni għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ. F'April 2026, l-FRA pprovdiet ukoll workshops ta' sensibilizzazzjoni lill-persunal tal-monitoraġġ f'għadd ta' Stati

[94] Sas-27 ta' Marzu, ġie pprovdut feedback lill-Awstrija, Ċipru, il-Litwanja, l-Estonja, in-Netherlands, Malta, il-Lussemburgu, il-Polonja u l-Iżvezja.
[95] Dan jinkludi l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.
[96] Il-Belġju (NGOs u l-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni), il-Bulgarija (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Għajnuna Legali), il-Kroazja (NGOs), iċ-Ċekja (ditta legali), Franza (NGOs), l-Irlanda (il-bord tal-għajnuna legali), l-Italja (UNHCR), il-Litwanja (garantita mill-Istat), il-Lussemburgu, il-Polonja (NGOs), il-Portugall (Assoċjazzjoni tal-Avukati), ir-Rumanija (NGOs), is-Slovakkja (NGOs), l-Awstrija, (BBU – korp tal-gvern indipendenti mill-aġenzija tal-ażil), is-Slovenja (qed titħejja offerta pubblika għal persunal estern biex jipprovdi assistenza legali), l-Iżvezja (NGOs), l-Estonja (akkwist li għaddej) u l-Latvja. Il-Ġermanja, il-Finlandja, Malta u n-Netherlands qed jibbażaw fuq arranġamenti interni fil-korpi tal-gvern responsabbli wkoll għall-proċeduri.
[97] L-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza (flimkien mal-*Contrôleur général des lieux de privation de liberté*), il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Stati Membri oħra għażlu arranġamenti differenti: l-Irlanda (l-Ispettur Ewlieni għall-Ażil u l-Proċeduri fuq il-Fruntiera), il-Ġermanja (*Nationale Stelle zur Verhütung von Folte*r u *Deutsches Institut fuer Menschenrechte*), in-Netherlands (l-Istitut għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ispettorat Netherlandiż) u l-Kroazja (l-uffiċċju governattiv għad-drittijiet tal-bniedem). Il-Belġju, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, Malta u l-Iżvezja għadhom ma kkonkludewx arranġamenti.
[98] https://fra.europa.eu/en/publication/2024/border-rights-monitoring.

Membri[99] u ppubblikat rapport[100] bit-tagħlimiet meħuda mill-ħidma operazzjonali tal-FRA fil-Greċja u fl-Italja biex tinforma l-implimentazzjoni tal-Patt f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-EUAA ħarġet gwida prattika dwar konsulenza legali bla ħlas fl-istadju amministrattiv tal-proċedura ta' ażil[101].

Fir-rigward tat-tfal, l-Istati Membri qed jiffukaw fuq l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa u r-rieżami tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età biex jadattaw għar-regoli l-ġodda introdotti mir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, b'mod partikolari l-obbligu li jiġi applikat approċċ multidixxiplinari li jinvolvi bordijiet ta' professjonisti kwalifikati[102]. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi u s-salvagwardji konkreti relatati mat-tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati, ġew diskussi l-aħħar fil-laqgħa annwali tal-grupp ta' esperti ddedikat f'Novembru 2025 u fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil f'Marzu 2026. Il-modulu ta' taħriġ tal-EUAA dwar it-tfal fil-proċess tal-ażil ġie rivedut f'Ottubru 2025. Il-Gwida Prattika dwar il-Valutazzjoni tal-Età[103] tipprovdi gwida komprensiva biex tappoġġa lill-awtoritajiet u lill-professjonisti involuti fil-valutazzjoni tal-età meta jkun hemm inċertezza dwar l-età ddikjarata. L-EUAA ppubblikat ukoll Rapport dwar il-Prattiki ta' Valutazzjoni tal-Età f'Marzu 2026[104]. Ir-rapport jimmappja l-prattiki, il-metodi, is-salvagwardji u r-rwoli ta' valutazzjoni tal-età fl-UE+ fl-2025, u jkopri wkoll l-aġġustamenti ppjanati jew li għaddejjin bħalissa fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Patt u jidentifika xejriet u prattiki promettenti. Il-Gwida Prattika dwar l-Aħjar Interessi tat-Tfal ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-EUAA f'Marzu[105]. L-FRA qed taġġorna l-Manwal tal-2014 dwar it-tfal imċaħħda mill-kustodja[106].

Biex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet, l-EUAA rrevediet il-moduli ta' taħriġ dwar il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru f'Novembru 2025 u dwar applikanti b'orjentazzjonijiet sesswali, identitajiet u espressjonijiet tal-ġeneru, u karatteristiċi tas-sess differenti fi Frar 2026. Is-sett ta' għodod il-ġdid għall-iskrinjar jinkludi wkoll anness dwar it-twettiq ta' kontrolli preliminari tal-vulnerabbiltà, li għalihom sar disponibbli taħriġ imfassal apposta[107]. Fir-rigward tar-ritorni, il-Frontex, f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, qed tiżviluppa applikazzjoni għall-apparati mobbli fuq il-ħidma ma' gruppi vulnerabbli, li tinkludi wkoll verifika tal-vulnerabbiltà.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

[99] L-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija. Fir-Rumanija, l-għodda prattika ta' monitoraġġ ġiet ittestjata f'eżerċizzju ta' simulazzjoni tal-iskrinjar.
[100] https://fra.europa.eu/en/publication/2026/operationalising-pact-migration-and-asylum-hotspot.
[101] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-free-legal-counselling.
[102] Ftit Stati Membri għandhom fis-seħħ proċedura multidixxiplinari: l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Italja, in-Norveġja, il-Portugall u l-Iżvezja.
[103] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-age-assessment-0.
[104] EUAA: Age Assessment Practices in EU+ Countries, https://www.euaa.europa.eu/publications/age-assessment-practices-eu-countries-0.
[105] https://www.euaa.europa.eu/publications/practical-guide-best-interests-child, EUAA: Practical guide on the best interests of the child in the framework of international protection.
[106] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali: Guardianship for children deprived of parental care. https://fra.europa.eu/en/publication/2014/guardianship-children-deprived-parental-care
[107] Taħriġ tal-EUAA: Il-Vulnerabbiltà fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. https://www.euaa.europa.eu/training-catalogue/vulnerability-pact-migration-and-asylum

L-Istati Membri li għadhom ma ddefinewx arranġamenti għall-għoti ta' konsulenza legali bla ħlas fl-istadju amministrattiv[108] jew il-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-proċedura fuq il-fruntiera[109] għandhom jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. L-Istati Membri kollha għandhom jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni pendenti relatata mal-iżgurar ta' finanzjament, persunal u taħriġ adegwati, u jiddefinixxu linji ċari ta' responsabbiltà u akkontabbiltà (fejn dan ir-rwol ikun maqsum bejn diversi atturi, għandu jinħatar attur ewlieni ċar). Wara l-gwida tagħha ta' Diċembru 2024 dwar l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu, l-FRA issa qed tħejji gwida metodoloġika biex tappoġġa l-ħidma ta' osservaturi futuri.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi biex isaħħu s-sistema tal-kustodja biex jiżguraw ħatra f'waqtha u numru adegwat ta' rappreżentanti disponibbli biex jinħatru għal minorenni mhux akkumpanjati, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni u s-saħħa, u salvagwardji għat-tfal fir-rigward tal-akkoljenza, il-proċeduri fuq il-fruntiera u d-detenzjoni. Għal ħafna sistemi tal-Istati Membri, dan jirrikjedi li wieħed jirrikorri għand atturi u awtoritajiet differenti, bħas-servizzi tal-benesseri tat-tfal. Bl-istess mod, l-Istati Membri jridu jżidu t-tħejjijiet biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu approċċ multidixxiplinari għall-valutazzjoni tal-età, inkluż fil-fruntieri.

3.10. ELEMENT KOSTITWENTI 10 - RISISTEMAZZJONI, INKLUŻJONI U INTEGRAZZJONI

Il-Pjan ta' sentejn tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja għall-perjodu 2026–2027, adottat mill-Kunsill fit-18 ta' Diċembru 2025[110], jistabbilixxi l-ewwel ċiklu biennali tal-Unjoni ta' sforzi kkoordinati għar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja. Ibbażat fuq wegħdiet volontarji minn disa' Stati Membri, il-Pjan jipprevedi 10 430 perkors sikur u legali għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali matul il-perjodu ta' sentejn, u jżid il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ewlenin li jospitaw popolazzjonijiet spostati. Il-Pjan, imħejji f'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Livell Għoli għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, b'kont meħud tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-valutazzjoni globali tal-ħtiġijiet tal-UNHCR, daħal fis-seħħ fil-11 ta' Jannar 2026. B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan, l-EUAA ffinalizzat l-aġġornament tal-moduli ta' taħriġ tagħha dwar perkorsi komplementari u dwar il-fażi tal-għażla fil-kuntest tar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja.

Il-perkorsi legali ma' pajjiżi terzi jikkontribwixxu wkoll għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni u għall-integrazzjoni tal-migranti. L-Istrateġija dwar il-Viżi[111] u r-Rakkomandazzjoni biex jiġi Attirat it-Talent għall-Innovazzjoni[112] minn Jannar 2026 stabbilew qafas ġdid għall-politika dwar il-viżi u ressqu rakkomandazzjonijiet biex l-Unjoni ssir aktar attraenti għal professjonisti, studenti, riċerkaturi u imprendituri innovattivi b'ħiliet għoljin biex

[108] Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Estonja, il-Latvja u l-Italja.
[109] Il-Belġju, l-Ungerija, l-Italja u Malta.
[110] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2628 tat-18 ta' Diċembru 2025 dwar il-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (2026-2027).
[111] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrateġija tal-politika tal-UE dwar il-viżi, COM(2026) 43 final.
[112] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/311 tad-29 ta' Jannar 2026 dwar li nattiraw it-talent għall-innovazzjoni.

tiġi appoġġata l-kompetittività tal-Unjoni f'kuntest globali. Il-Kummissjoni nediet ukoll il-Pjattaforma ta' Attrazzjoni tat-Talent għall-Innovazzjoni bl-ewwel laqgħa organizzata f'Marzu 2026 u t-tieni waħda prevista għal Ġunju 2026.

Fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom, diversi Stati Membri indikaw il-ħtieġa li jinvestu aktar f'miżuri ta' integrazzjoni ulterjuri jew jappoġġawhom, inkluża l-integrazzjoni lingwistika u ċivika, u l-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz tal-iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet. Din il-ħidma għadha għaddejja, b'diversi Stati Membri jimmappjaw u jivvalutaw ħtiġijiet ulterjuri kif ukoll jintroduċu riformi[113]. Minn Novembru 2025, Stat Membru ieħor adotta strateġija aktar wiesgħa għall-integrazzjoni[114]. Xi Stati Membri jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq aspetti speċifiċi tal-integrazzjoni, bħal korsijiet fil-lingwa jew taħriġ ċiviku jew qed jiżviluppaw għodod tal-IT speċifiċi għall-integrazzjoni[115]. Il-laqgħa tan-Network Ewropew dwar l-Integrazzjoni ta' Diċembru 2025 ffukat fuq l-isfidi u l-prattiki tajbin biex jiġi żgurat li l-migranti li jiffaċċjaw diversi ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol (pereż. l-applikanti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, in-nisa migranti b'vulnerabbiltajiet) ikunu jistgħu jaċċessaw l-impjiegi u t-taħriġ relatat mal-impjiegi malajr u b'mod sostenibbli.

L-isfidi ewlenin u l-passi li jmiss

Il-fokus issa qiegħed fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja 2026-2027. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom. Il-Kumitat ta' Livell Għoli għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja se jiltaqa' wara s-sajf tal-2026 biex jiskambja mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-UE.

Il-miżuri ta' appoġġ għall-integrazzjoni għadhom ivarjaw ħafna fil-komprensività u fil-kwalità bejn l-Istati Membri. Diversi Stati Membri jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex ikopru l-lakuni fl-aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni bla ħlas[116], inklużi korsijiet fil-lingwa u ta' orjentazzjoni ċivika, li għadhom ma humiex disponibbli fl-Istati Membri kollha; appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż taħriġ u servizzi relatati mal-impjiegi offruti mill-uffiċċji tal-impjiegi; u aċċess għal proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u għall-validazzjoni tal-ħiliet. Huwa importanti li wieħed jgħaddi minn azzjonijiet sporadiċi bbażati fuq proġetti għal appoġġ strutturali għall-integrazzjoni[117] u segwitu għall-impenji b'azzjoni ċara[118]. Biex iżidu l-effettività tal-appoġġ tagħhom, l-Istati Membri għandhom jippromwovu tranżizzjoni bla xkiel bejn il-miżuri ta' integrazzjoni bikrija għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u l-miżuri għall-benefiċjarji. Huma għandhom jieħdu wkoll miżuri adattati għal ħtiġijiet speċifiċi u jneħħu l-ostakli għan-nisa u t-tfal jew għal gruppi speċifiċi bħal persuni bi

[113] L-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, iċ-Ċekja u l-Latvja qed jaħdmu fuq l-adattament tas-sistemi eżistenti u ż-żieda ta' komponenti ġodda. Il-Portugall qed iwettaq riforma sistemika.
[114] Ċipru. Sa Marzu 2026, l-Istati Membri kollha ħlief l-Ungerija u r-Rumanija adottaw strateġiji għall-integrazzjoni tal-migranti fil-livell nazzjonali jew reġjonali. L-Italja bħalissa qed tħejji aġġornament tal-Pjan Nazzjonali tagħha dwar l-Integrazzjoni.
[115] Pereż. Iċ-Ċekja u l-Estonja.
[116] Pereż. il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Polonja.
[117] Pereż. il-Kroazja, il-Greċja, l-Ungerija, is-Slovakkja u r-Rumanija.
[118] Pereż. il-Bulgarija.

ħtiġijiet relatati mas-saħħa mentali[119]. Il-Kummissjoni hija lesta li tiggwida ulterjorment lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi tal-UE għall-integrazzjoni bħall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, inkluż permezz tal-iskambju ta' prattiki tajbin[120].

4. KONKLUŻJONI

Il-progress diġà miksub mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet u mill-Aġenziji tal-UE, u minn partijiet ikkonċernati oħra matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li jwassal għall-applikazzjoni sħiħa tal-Patt f'Ġunju huwa sinifikanti. Madankollu, inevitabbilment għal kompitu tant kbir u ta' natura kumplessa li jinvolvi ħafna atturi kemm internament kif esternament, għad fadal sfidi. Ninsabu fi stadju fejn l-Istati Membri jeħtieġ li jimxu 'l quddiem fir-riformi nazzjonali u jagħtu prijorità lill-istabbiliment tal-proċeduri u tal-infrastruttura l-ġodda meħtieġa biex il-Patt jiffunzjona. B'mod partikolari, il-Eurodac il-ġdida, l-iskrinjar u l-proċeduri obbligatorji fuq il-fruntiera, il-miżuri biex jiġu applikati r-regoli l-ġodda dwar ir-responsabbiltà u l-aġġustamenti meħtieġa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jridu jkunu fis-seħħ f'Ġunju. Issa huwa ż-żmien li jiġu indirizzati l-lakuni li fadal. Il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE jibqgħu impenjati li jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid b'suċċess u fil-ħin.

Bil-għan li jiġi żgurat il-bilanċ bejn is-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà stabbiliti fil-Patt, il-Kummissjoni qed taħdem ukoll lejn distribuzzjoni bilanċjata tar-Riżerva ta' Solidarjetà u l-operazzjonalizzazzjoni tagħha mill-aktar fis possibbli wara li l-Patt jibda japplika bis-sħiħ. Il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà huwa indispensabbli biex il-Patt jiffunzjona. L-Istati Membri kollha jridu jikkontribwixxu għall-mekkaniżmu ta' solidarjetà f'konformità mal-obbligi stabbiliti mir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, u l-Kummissjoni se tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura r-rispett ta' dawn l-obbligi mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta f'Lulju u mill-ġdid f'Ottubru jekk il-prattiki kurrenti rigward ir-regoli ta' trasferiment applikabbli għadhomx jippersistu u b'hekk jikkostitwixxu nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni.

Wara Ġunju, se tkompli l-ħidma għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għall-aġenziji tal-UE biex jiżguraw flimkien li l-elementi kollha tas-sistema Ewropea l-ġdida tal-migrazzjoni jkunu fis-seħħ u effettivi. Il-Kummissjoni se tniedi t-tieni Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni tagħha f'Ottubru 2026, inkluż ir-Rapport Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, li se jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-sitwazzjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE u se jivvaluta s-sitwazzjoni migratorja li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri.

[119] Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025SC0162.
[120] Dan jista' jsir permezz tal-Komunità ta' Prattika tal-FSE+ dwar l-Integrazzjoni tal-Migranti. https://socialinnovationplus.eu/cop/migrant-integration/.